**L-avventuri tas-sajd tan-nannu Pawl**

In-nannu Pawl ma tantx dam għall-kwiet. Wara ġurnata jgħin lin-nanna Dolor tnaddaf, intasab fuq is-sufan b'belgħa te sħuna fuq it-tavolina. Hekk kif fetaħ il-gazzetta, il-qanpiena tal-bieb qabdet iddoqq bla waqfien. Qalbu għamlet tikk. Daqshekk mistrieħ. Iżda fl-istess waqt feġġet tbissima minn widna sa widna għax kien jaf li waslu n-neputijiet.

'Għidilna storja, għidilna storja!' tenna Robert, l-iżgħar fost iż-żewġ neputijiet, hekk kif inġabru kollha kemm huma fis-salott.

'Stejjer ngħidlek kemm trid Bert. Wara erbgħin sena taħdem fuq il-baħar żgur ikollok x'tirrakkonta', kompla n-nannu.

'Għidilna fuq meta kont tistad nann mela!' qabżet Greta fil-pront. U n-nannu Pawl irħielha jirrakkonta dwar il-karriera tiegħu fis-sajd.

'Mela, kif tafu jien qattajt għomri u żmieni naħdem bħala sajjied. U fil-bidu tal-karriera tiegħi, il-luzzu li kellna ma kienx armat bħal dawn tal-lum. Lanqas magna ma kellu. Għalhekk biex noħorġu naħdmu bix-xibka konna naqdfu. Konna nkunu xi erba' sajjieda, kulħadd bil-moqdief f'idejh ħalli nfittxu naslu fuq il-post u nibdew naħdmu. Imbagħad kien mal-mogħdija taż-żmien, li kellna bastiment akbar u aktar sofistikat, bil-magni u inġenji oħra. Is-sistemi tas-sajd kienu kważi bħal dawk tal-lum tafux. Konna nistadu bil-pariti u n-nases. Konna wkoll nitfgħu l-konzijiet tal-qiegħ f'baħar aktar fond. B'dawn konna naqbdu tipi differenti ta' ħut, fosthom mazzol, gattarell, rajja tal-fosos, ċippullazz, lippijiet, pagri, dnieneċ u ħafna aktar. Konna wkoll inkalaw il-konzijiet tal-wiċċ għall-pixxispad u t-tonn. Iżda llum l-affarijiet inbidlu ħafna. Illum is-sajjieda mhux biss għandhom bastimenti jimxu aktar, iżda wkoll apparat elettroniku li bih issib il-postijiet li l-aħjar tistad fihom. Tajjeb tkunu tafu li llum il-bniedem sar aktar għaref imma l-ħut baqa' l-istess. It-teknoloġija tgħinek taqbad aktar u aktar ħut. Għalhekk xi drabi l-ħut ma jingħatax biżżejjed żmien biex jerġa' jitkattar.'

'Allura, Robert u Greta, intom ġieli mortu fuq ix-xtajta u fil-bogħod rajtu xi strutturi kbar u ċatti f'wiċċ il-baħar?'

'Iva nann,' qabżet Greta fil-pront. 'Dawk tal-akwakultura jekk m'iniex sejra żball hux?'

'Hekk hu!' wieġeb in-nannu Pawl.

'Akwakultura x'inhi nann?' staqsa Robert.

'Fl-akwakultura, xi speċi ta' ħut bħal awrat, spnott u griebel jitfaqqsu f'laboratorju. Imbagħad meta jikbru ftit dawn ikomplu jitkabbru f'gaġeġ apposta 'il barra mix-xtajta,' wieġeb in-nannu.

'Imma għaliex hemm bżonn li l-ħut jitkabbar hekk nann?' ikkummentat Greta.

'Ħeqq, aktar ma jkun hawn nies fid-dinja, aktar ikun hawn nies li jridu jieklu l-ħut. Il-prezz tal-ħut mill-akwakultura jkun ukoll attraenti għal firxa aktar wiesgħa ta' nies. Immaġina kulħadd irid jiekol il-ħut u l-ħut selvaġġ ma jkollux ċans jitkattar. X'jiġri kieku?'

'Il-ħut fil-baħar jinħela kollu nann,' qabeż Robert.

'Għalhekk permezz tal-akwakultura l-bniedem ikun jista' jfaqqas u jkabbar ħut kemm irid u kemm ikun hemm bżonn. U hekk l-ammont tal-ħut selvaġġ ma jonqosx b'mod drastiku,' kompla n-nannu. 'Tinsewx ukoll li madwar id-dinja hemm ħafna u ħafna nies li jaħdmu fil-qasam tal-akwakultura. Dawn in-nies kollha għandhom familji xi jsostnu.'

'Aħħ, nann issa qabadni aptit niekol il-ħut' kien pront qal Robert.

'Sewwa sewwa, mela għada nsajru l-ħut', wieġeb in-nannu.

'Imma tgħid x'ħut nagħżlu? Dak selvaġġ jew tal-akwakultura?' spiċċat Greta.